**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2004**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| IT-TIELET KLASSI | MALTI | ĦIN: Sagħtejn |
|---|---|---|

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** __________________

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub.**

2. **Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.**

---

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 20 | 4 | 10 | 10 | 26 | 20 | |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

**TEST GĦALL-ISTĦARRIĠ**

***Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.***

# It-Tajr tal-Priża



It-tajr tal-priża huwa fost it-tajr l-aktar maestuż tad-dinja. Il-mod tal-ħajja li jgħix isaħħar lil kull min għandu għajnejn biex japprezza. L-intelliġenza tgħin lill-bniedem josserva, jifhem, jiskopri u japprezza. Iżda l-bniedem hu rgħib, huwa egoist, u dak li ma jistax jagħmel hu, irid bilfors jindaħal biex jaħkmu u joħonqu. Dan jgħodd ukoll għal dawn l-għasafar. (*par. 1*)

Hekk fil-gżejjer Maltin, dawn l-għasafar jinqatlu bla ħniena u bla mogħdrija minn id il-bniedem. Hemm min b'hekk iħossu aqwa minn dawn il-ħlejjaq maestużi. Hu joqtolhom u jibbalzmahom biex mingħalih juri li huwa b'saħħtu u aqwa minnhom. (*par.2*)

Il-gżejjer Maltin huma mogħnija wkoll b'dawn l-għasafar. Numru kbir minnhom ipassi kemm waqt ir-Rebbiegħa kif ukoll waqt il-Ħarifa. Uħud minnhom, bħall-barbaġann, l-ispanjulett u l-bies, fl-antik kienu jbejtu f'pajjiżna. Xi ftit minn dawn għadhom ta' kull sena jippruvaw ibejtu mill-ġdid f'pajjiżna. Minkejja li huma mħarsa bil-liġi, kollha jisfaw meqruda minn dawk li l-gost tagħhom huwa li joqtlu l-għasafar. Ħarsa madwar dawn il-gżejjer tikxef numru kbir minn dawn l-għasafar, imma kollha bbalzmati, bla ħajja. Kollha setgħu baqgħu jittajru ħielsa u joktru, uħud minnhom anke bil-bejtiet tagħhom f'pajjiżna. (*par. 3*)

Kemm ikun isbaħ pajjiżna kieku dawn l-għasafar jitħallew ikomplu jittajru u joktru f'dawn il-gżejjer. Huwa għalhekk li s-**Soċjetà għall-Istudju u l-Ħarsien tan-Natura** ma tista' qatt taqbel mat-teħid tal-ħajja selvaġġa għall-gost. (*par.4*)

(Addattata minn kitba ta' Alfred E. Baldacchino f' ***In-Natura***, 1993)

| A. FEHIM IT-TEST | (10 marki) |
|---|---|

1. Liema hu fost l-aktar tajr maestuż tad-dinja? (*par. 1*)

_______________________________________________ (marka)

2. Skond is-silta, l-intelliġenza x'tgħinu jagħmel lill-bniedem? (*par. 1*)

_______________________________________________

_______________________________________________ (marka)

3. X'jiġrilhom l-għasafar tal-priża meta jiġu Malta? (*par. 2*)

_______________________________________________ (marka)

4. Skond l-awtur, x'juri min jibbalzma t-tajr tal-priża? (*par.2*)

_______________________________________________ (marka)

5. F'liema staġuni jpassi minn fuq Malta t-tajr tal-priża? (*par.3*)

_______________________________________________ (marka)

6. Semmi żewġ tipi ta' tajr tal-priża li dari kienu jbejtu f'Malta. (*par. 3*)

(a) _______________________________

(b) _______________________________ (2 marki)

7. Xi jrid ifisser l-awtur meta jgħid li dan it-tajr hu mħares mil-liġi? (*par. 3*)

_______________________________________________ (marka)



8. Taħseb li l-awtur hu favur il-kaċċa? Għaliex taħseb hekk? (*par. 4*)

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (20 marka)

### GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA

1. In-nom ***mogħdrija*** (*par.2*) hu nom mimmat li ġej minn **għader**.
   Oħroġ nom mimmat minn dawn il-kelmiet li ġejjin:

   (a) **taħan** - ____________________ ; (b) **qadef** - ______________________ (2 marki)

2. In-nom **għira** hu nom astratt għaliex ma jaqax taħt is-sensi tagħna.
   Sib nom astratt minn *paragrafu 2*:
   ____________________________ (marka)

3. Minn **tajr** (*par. 1*) noħorġu n-nom denominattiv ***titjira***.
   Oħroġ nom denominattiv minn **isbaħ** (*par.4*): ________________________ (marka)

4. In-nom **Ħarsa** (*par.3*) hu nom verbali li ġej mill-verb ***ħares***.
   Oħroġ nom verbali mill-verbi li ġejjin:

| | | |
|---|---|---|
| i. | jaħkmu (*par. 1*) | |
| ii. | joħonqu (*par. 1*) | |
| iii. | setgħu (*par.3*) | |



(3 marki)

5. Imla l-vojt skond l-għerq mogħti wara l-ispazju. (Ara l-eżempju)

   (a) Il-furnar ħareġ il- **<u>ħobż</u>** (ħ-b-ż) mill-forn.

   (b) Min iħobb iż-____________ (ż-f-n) imur id-diskow.

   (ċ) Malli jien _________ (ħ-r-ġ) mill-iskola, rajt lil ħija Kevin.

   (d) Kemm _________ (b-k-j) meta waqajt u ksirt sieqek!

   (3 marki)

6. Il-frażi ***id il-bniedem*** (*par.2*) hi frażi fl-istat kostrutt. Qiegħed dawn li ġejjin fl-istat kostrutt:

   (a) ir-ras tas-seqer ___________________________________

   (b) il-ġenb tal-wied ___________________________________ (2 marki)

**LESSIKU / VOKABULARJU**

7. Agħti kelma oħra flok il-kelma **ħlejjaq** (*par.2*):_________________ (marka)

8. Sib minn *paragrafu 4* frażi li tfisser **qtil**: _____________________________ (marka)

**ANALIŻI TESTWALI**

9. Il-pronom ***hom*** f'joqtolhom (*par.2*) qiegħed jirreferi għall- _____________ (marka)

10. ***Il-gżejjer Maltin huma mogħnija wkoll b'dawn l-għasafar*** (*par.3*) tfisser:
(a) Dan it-tajr jeżisti f'Malta wkoll. ( ___ )
(b) Dawn huma għasafar tal-għana li jiġu Malta fil-ħarifa. ( ___ ) (marka)

**SINTASSI**

11. Aqleb din is-sentenza f'diskors dirett billi tagħmel użu tajjeb mill-punteġġjatura:

Il-ġurnalista staqsa lill-president tas-Soċjetà favur l-Ambjent jekk hu kienx lest iħalli lill-kaċċaturi jisparaw fuq it-tajr li mhux tal-priża u l-president wieġeb li hu u sħabu ma jistgħu qatt ikunu favur il-qtil ta' xi għasfur jew xi tajra selvaġġa.

Il-ġurnalista: "______________________________________________________________

______________________________________________________________

Il-president: "______________________________________________________________

______________________________________________________________ (4 marki)

| Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI | (4 marki) |
|---|---|

**Fisser il-kliem b'sing taħtu:**
1. Ir-rapport wasal tard wisq u meta l-pulizija marret tfittex lill-kaċċatur li qatel l-ajkla sabu li l-għasfur kien tar. ________________________________________ (2 marki)

2. Toni l-hena tiegħu josserva t-tajr tal-passa, u sikwit jara wħud minnhom għaddejjin fil-għoli. Imma mhux dejjem tiġi żewġ u llum qatta' sagħtejn iħares lejn is-sema għalxejn.

____________________________________________ (2 marki)



## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (10 marki)

**Agħżel waħda minn (a) u (b) u ikteb madwar 30 kelma fuqha.**

**(a)** Dehret tajra rari fil-wied qrib id-dar tiegħek. Bħala membru tal-għaqda *Ħbieb it-Tajr*, int ġejt mitlub/a tikteb dwar din it-tajra. Qis li tiddeskriviha u tgħid fejn u meta dehret.

**JEW**

**(b)** Il-president tal-għaqda *Ambjentalisti Żgħażagħ* talbek tikteb riklam għall-gazzetta biex tistieden lil tfal ta' mparek jidħlu membri ta' din l-għaqda favur l-ambjent.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

## E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI (6 marki)

Agħmel referenza għal **6 aspetti** mill-proġett ***Idea ta' Lingwa*.**

- ______________________________________________________
- ______________________________________________________
- ______________________________________________________
- ______________________________________________________
- ______________________________________________________
- ______________________________________________________

## F. LETTERATURA (30 marka)

### (i) POEŻIJA: NADRIET 3 (15-il marka)

1. Immarka (**X**) fejn it-tajba:-
***Pitirross*** ta' Victor Fenech insejħulha: (a) sunett___ (b) ballata___ (ċ) poe-proża___
(marka)

2. Fl-aħħar vers tal-poeżija ***Waħdi***, R. Briffa jistqarr li hu l-poeta tas-_________. (marka)

3. Fil-poeżija ***Waħdi***, Dun Karm jiftakar fi tfulitu u f'kemm kien ferħan. Ikteb tliet tifkiriet li jsemmi l-poeta nazzjonali f'din il-poeżija.

(a)____________________________________________________________

(b)____________________________________________________________

(ċ)____________________________________________________________ (3 marki)

4. Ikteb fi kliemek kif jidher bi nhar id-deżert li jsemmi Achille Mizzi fil-poeżija ***Arizona***.

________________________________________________________________

________________________________________________________________

____________________________________________________________ (3 marki)

5. Għid għaliex ***Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti*** li jsemmi Ġorġ Borg fil-poeżija li ġġib l-istess isem ma jħossux waħdu. ___________________________________________

____________________________________________________________ (2 marki)

6. Fil-poeżija ***Poeta***, Dun Karm qiegħed jgħid li, għalkemm għadu żagħżugħ, Rużar Briffa hu poeta li għamel suċċess: **VERU** ______ ; **FALZ** _______. (marka)

7. Liema huma t-tliet rigali msemmija fil-poeżija ***Tifkiriet ta' Tfuliti*** li missier Karmenu Vassallo kien jixtrilu meta kien żgħir? (3 marki)

(a)____________________ (b) ______________________ (ċ)_________________

8. Immarka (**X**) fejn it-tajba: Fil-poeżija ***Qasba***, il-ġnien li jsemmi Mario Azzopardi fl-ewwel strofa hu (a) ġnien pubbliku,__ (b) is-soċjetà,__ (ċ) il-ġnien tad-dar.__ (marka)

**(ii) PROŻA / DRAMM** (15-il marka)

1. **Il-Fortuna tal-Bakkaljaw** ta' Ġużè Aquilina (5 marki)

Il-familja ta' Pawlu donnha ma ħaditx gost li hu ġie lura. Għid għaliex f'ħames punti.

- ____________________________________________________________
- ____________________________________________________________
- ____________________________________________________________
- ____________________________________________________________
- ____________________________________________________________

2. **Stejjer Għal Qabel Jidlam** ta' Oliver Friggieri (5 marki)

Agħżel waħda minn dawn u ikteb ħames linji dwarha:
(a) **Il-Koranta**, (b) **Min Miet fit-Tarzna?**, (ċ) **Meta Dħalt fl-Isqaq**.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

3. **Stejjer taċ-Ċarrut** ta' Tarċisju Zarb (5 marki)

L-istejjer **Iż-Żerriegħa li ma Gergritx**, **It-Tajra**, **Tallâb fil-Ġenb tat-Triq**, **L-Iskuter** u **Willie** huma stejjer li juruna li wara l-maltemp jiġi l-bnazzi u wara l-ikrah jiġi s-sabiħ. Agħżel waħda minn dawn u ikteb ħames punti dwarha biex turi dan.

- _______________________________________________
- _______________________________________________
- _______________________________________________
- _______________________________________________
- _______________________________________________

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Agħżel wieħed u ikteb madwar 300 kelma fuq karta separata.

1. Għaliex inħobb l-ambjent naturali.
2. Għasfur tal-passa kien għadu kemm wasal Malta . . . . . . (Kompli din l-istorja.)
3. Il-widien tagħna fis-sajf u fix-xitwa.
4. Fejn inħobb immur meta rrid nimxi xi mixja.
5. Rajt xi żgħażagħ jagħmlu l-ħsara fi ġnien pubbliku. Għid x'ġara.

